MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 392/2005/1

**John G. Cassar Limited**

**vs**

**Miriam Cutajar Fiorini**

**Il-Qorti,**

Fi-22 ta’ Ottubru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta’ Gunju tas-sena 2005, li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:
>
> 1. Illi thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn, seba’ mija u tmienja u hamsin Lira Maltin, u

tlieta u sittin centezmu (LM2,758.63,0), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija debitament akkwistata u mportata ghall-konvenuta mis-socjeta` attrici, fuq struzzjonijiet taghha stess, u li issa tirrifjuta li thallas minghajr ebda raguni valida, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza;

2. Bl-interessi legali mid-data tal-akkwist, u bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati l-4 ta' Frar, 8 ta' Marzu u 10 ta' Mejju tas-sena 2005, kontra l-konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Mejju, tas-sena 2006, abbundantement ghaxar (10) xhur wara li kienet originat din il-procedura, fejn permezz taghha l-konvenuta ecceppiet is-segwenti:

1. Illi l-hlas pretiz mis-socjeta` attrici skond l-avviz odjern m'huwiex dovut lilha mill-eccipjenti billi l-partijiet kontendenti ma kellhom l-ebda ftehim ta' bejgh bejniethom ghar-rigward tal-merkanzija riferita fl-istess avviz;

2. Illi l-ftehim raggunt bejn il-partijiet kien fis-sens illi dik il-merkanzija tigi reklamata ghall-bejgh mill-eccipjenti u li l-qliegh mill-bejgh u l-ispejjez relattivi jigu apporzjonati bejn l-istess partijiet;

3. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi skond is-socjeta` attrici l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi wara diversi inkontri bejn rapprezentanti tas-socjeta` attrici u l-konvenuta, intlahaq ftehim li permezz tieghu l-konvenuta intrabtet li tbiegh tramite programmi televizivi tlett (3) prodotti forniti lilha mis-socjeta` attrici;

2. Illi l-partijiet ftehmu fuq il-prodott, il-prezz u l-kwantita`, (ara fol 31 u 32), u dan, b'esklussivita`, (ara fol 28);

3. Illi a bazi ta' dan il-ftehim is-socjeta` attrici kellha tordna l-ammonti involuti esklussivament ghall-konvenuta minn barra minn Malta;

4. Illi meta l-prodotti tal-konvenuta waslu Malta, is-socjeta` attrici talbitha tinformaha fejn din riedet li ssir il-konsenja, izda minflok, b'risposta, irceviet talba biex jigi rikonsidrat il-ftehim pattwit;

5. Illi effettivament jirrizulta li l-prezzijiet pattwiti gew ridimensjonati;

6. Illi minhabba xi bdil fl-iprogrammar televiziv ikkagunat minhabba l-kampanja elettorali tas-sena 2004, iz-zmien televiziv allokat lill-konvenuta tnaqqas u allura giet effettwata negattivament;

7. Illi biex anke jagevolaw lill-konvenuta, is-socjeta` attrici offritilha spazju fl-istands li kellha fil-fiera tan-Naxxar, u effettivament jidher li rnexxielha tbiegh kwantita` konsiderevoli;

8. Illi pero' l-konvenuta ma jirrizultax li bieghhet il-merkanzija kollha minnha mixtrija u qed tirrifjuta kemm li tircievi l-konsenja relattiva kif ukoll li thallas il-prezz dovut;

9. Illi dawn l-oggetti jinsabu depozitati fil-mahzen tas-socjeta` attrici stante li ma qaghdux il-qorti meta gew biex jigu depozitati;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-konvenuta tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenuta tixtri perjodi ta' zmien fi transmissjonijiet televizivi biex tbiegh l-istess perjodi, izda f'pakketti izghar, lill-klijenti taghha;

2. Illi ghalhekk issostni li *"…qatt ma nakkwista jew inbiegh u nittrasferixxi kwalunkwe tip ta' merkanzija"*;

3. Illi rigward is-socjeta` attrici ssostni li kkonkludiet ftehim verbali, f'Mejju tas-sena 2004 li permezz tieghu kellha taghtiha parir kif tirreklama l-prodotti taghha fuq it-televizjoni;

4. Illi l-qliegh mill-bejgh effettwat kellu jinqasam proporzjalment bejn il-partijiet, b'kommissjoni ta' bejn l-ghaxra (10) u l-hmistax (15) fil-mija;

5. Illi xoghol il-konvenuta kien ekwivalenti ghall-konsulenza professjonali billi taghtiha parir kif tbiegh televizivament il-merkanzija in kwistjoni;

6. Illi ghaldaqstant qed tirrespingi t-talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza allegata mis-socjeta` attrici hi verament wahda nebuluza stante li hi bbazata esklussivament fuq ftehim verbali li l-partijiet qed jinterpretaw kif jaqblilhom;

Illi mill-fatti kif fuq analizzati ma jirrizultax li l-versjoni attrici hi provata skond il-grad ta' probabbilita' mitlub;

Illi ghalhekk din il-qorti ma tqisx li t-talba attrici hi pprovata skond il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**"**

L-appell tas-socjeta` attrici minn din is-sentenza hu bazat fuq dawn l-aggravji:-

(1) L-ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni misthoqqa lill-ftehim milhuq bejn il-partijiet permezz ta' skambju ta' *e-mails*. F'kull kaz, dik il-Qorti kien messha akkordat aktar kredibilita` lill-versjoni taghha fuq dik tal-konvenuta;
(2) L-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi motivi adegwati ta' kif waslet ghall-konkluzjoni taghha;

Huwa necessarju li jigu l-ewwelnett inkwadrati sew, anke jekk, koncizament, il-versjonijiet tal-kontendenti. Dik tas-socjeta` attrici hi msejsa fuq il-prova li jaghmlu l-*e-mails* esebiti a fol. 14 u wkoll a fol. 31 tal-process u li minnhom hu indikattiv li bejn il-partijiet kien hemm negozjati in konnessjoni mal-pjazzament da parti tal-konvenuta ta' ordni ghal certi "*household u electrical appliances*", ahjar specifikati fl-*e-mail* tas-socjeta` attrici tal-21 ta' April, 2004, sussegwita mill-*e-mail* konfermatorja tal-konvenuta tas-17 ta' Mejju, 2004. Ara deposizzjoni tal-Managing Director Simon Micallef (fol. 27). Minn naha l-ohra skond il-versjoni tal-konvenuta, l-istampa hi differenti ghal kollox minn dik tas-socjeta` attrici. Hi tikkontendi li l-ftehim kien wiehed verbali u kien jikkonsisti filli l-prodotti tas-socjeta` attrici jinbieghu permezz ta' reklamar fl-*airtime* li kellha ma' stazzjonijiet televisivi, u mill-bejgh realizzat hi tircievi f'kummissjoni percentwali li tvarja bejn ghaxra u hmistax fil-mija. Ara xhieda taghha a fol. 33 tal-process;

L-ewwel Qorti ddisponiet mill-kwestjoni li kellha quddiemha b'dan il-mod generiku u, alkwantu legger:-

(i) L-allegazzjoni li fuqha s-socjeta` attrici ppuntellat il-kaz taghha hi neboluza in kwantu bazata eskluzivament fuq ftehim verbali;
(ii) Ma jirrizultax illi l-versjoni attrici hi provata skond il-grad ta' probabilita` mitlub;

Innegabilment, fiz-zmien ta’ progress elettroniku hu frekwenti illi l-iskambji tan-negozji kummercjali konkjuzi bl-offerti u l-accettazzjoni, jsiru permezz ta’ *e-mails* elettronikament iffirmati tant li fil-formazzjoni tal-kontrattazzjonijiet dan il-mezz hu spiss drabi ekwiparat ghal ftehim bil-miktub u, allura, jgorr mieghu l-effikacja li jorbot lill-awtur ta’ l-*e-mail*.  Fil-kaz prezenti jidher ovvju illi l-ewwel Qorti injorat ghal kollox l-iskambju ta’ l-*e-mails* aktar ‘il fuq esposti u, konsegwentement, naqset milli tezamina u tivvaluta d-dikjarazzjonijiet kontenuti fihom. Evidentement ukoll, jidher illi kkonfondiet iz-zewg versjonijiet billi attribwit l-istqarrija tal-konvenuta ta’ l-ezistenza ta’ ftehim verbali l-importanza primarja u inkontrastata fuq dik tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub estratti mill-*e-mails*.  In partikolari, l-*e-mail* tal-konvenuta tas-17 ta’ Mejju, 2004 li kien espressament jesprimi bi kliem testwali: “*I’m sending you a brief note as confirmation re the order of this stock*”;

Fix-xhieda taghha l-konvenuta ssostni illi kien jezisti ftehim separat li kien jikkontjeni patt divers minn dak rizultanti minn dik l-*e-mail* taghha.  Hi tikkontendi illi giet mitluba parir mis-socjeta` attrici dwar kif l-ahjar tispacca xi prodotti godda taghha.  Hi ssuggerit li tbeghlha *airtime* li kellha disponibbli fuq l-istazzjonijiet tat-*television* mentri r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici qalilha li l-bejgh isir flimkien.  Dejjem skond l-istess konvenuta, ma dehrilhiex li kellha taghmel xi haga bil-miktub fis-sens ta’ dan il-patt divers.  Ara kontro-ezami taghha a fol. 39 *et* sequitur;

Hu prezunt illi jekk il-partijiet ikkonsakraw il-ftehim taghhom f’dokument, bhal ma hi *e-mail*, mhux verosimili illi huma ghamlu ftehim verbali kuntrarju ghal dan jekk dan il-ftehim l-iehor ma jirrizultax ukoll “in iskritto”.  Ir-*ratio* ta’ din il-presunzjoni jinsab fil-konsiderazzjoni illi fejn konvenzjoni tinsab rakkjuza b’mod komplet permezz tal-kitba dik ghandha, bhala regola, prevalenza ta’ attendibilita` aktar qawwija minn kull patt iehor verbali

sakemm dan ta’ l-ahhar ma jinghatax il-forma bil-miktub. Dan, anke ghal finijiet probatorji. Hu, difatti, partikolarment avvertit f’materji kontrattwali illi meta parti f’gudizzju tinvoka dokument specifiku bhala fonti tad-drittijiet u ta’ obbligazzjonijiet il-provi orali ma jistghux jigu ammessi ghall-iskop li tigi alterata l-kontenut tieghu jew biex jigi superat il-miktub. Fi kliem iehor, ma tistax titressaq prova orali ta’ pattijiet diversi minn dak rizultanti minn negozju maqbul f’dokument, ammenokke dawk l-akkordji diversi, jew agguntivi jew modifikatrici ma jirrizultawx huma wkoll li saru bil-forma skritta. Huwa proprju ghalhekk illi prova offerta permezz ta’ testimonjanza tinghata affidabilita` ferm anqas minn dik dokumentali, salv dejjem s’intendi dawk l-eccezzjonijiet ipprecizati minn gurisprudenza kopjuza fuq is-soggett;

B’illustrazzjoni ta’ dan li nghad, jinsab ritenut illi “huwa maghruf illi ma hux ammess li jitressqu xhieda biex jaghtu interpretazzjoni diversa ghal dak li jkun gie miftiehem bil-miktub: *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur*. Dan il-principju hu ormai pacifikament rikonoxxut mill-Qrati taghna; veru li din ir-regola ssofri eccezzjonijiet f’certi kazi kif gie imfisser fis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Marzu, 1951 in re: “**Blackman -vs- Apap Bologna**” (**Kollez. Vol. XXXV P I p 26**) u gie ripetut fis-sentenza tas-26 ta’ Mejju, 1952 in re: “**Carmelo Morana -vs- Nutar Dr. J. Spiteri *et***”, (**Vol. XXXVI P I p 119**), tas-6 ta’ Gunju, 1955 in re: “**Mary mart Amante Gatt -vs- Onor. Dr. Edg. Cuschieri *nomine***” (**Vol. XXXIX P I p 221**), tat-30 ta’ Mejju, 1955 “**Clo. Brincat *nomine* -vs- Lucy Camenzuli**” (**Vol. XXXIX P I p 382**), tat-28 ta’ Ottubru, 1960 in re: “**Joseph Lungaro Mifsud -vs- Joseph Polidano**” (**Vol. XLIV P I p 267**). Hekk per ezempju, il-prova testimonjali kontra l-prova bil-miktub hija ammissibbli meta l-kliem uzat fl-iskrittura jkun oskur, jew ambigwu jew meta hija intiza ghall-impunjazzjoni ta’ l-iskrittura jew biex jigi provat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma’ l-att. Pero` mhux ammess li provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga car (App. 26.5.41 “**Attard -vs- Mamo**”, **Kollez. Vol. XXXI P I p 441**)”, Ara “**Charles Zammit Endrich -**

**vs- Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici *et*"** Appell Civili, 14 ta' Gunju, 1975 li minnha hi mehuda din is-silta;

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-kontenut ta' l-*e-mails* predetti ghandhom f'dan il-kaz, u dak tac-cirkustanzi maghrufa tieghu, valur intrinsiku predominanti fuq l-allegazzjoni tal-ftehim verbali prospettat mill-konvenuta. Anzi jkollu jinghad skond it-termini ta' l-Artikolu 632 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi l-*e-mail* ta' l-istess konvenuta tikkostitwixxi "dikjarazzjoni tal-parti kontra taghha nfisha". Minnha tirrizulta l-intenzjoni tal-konvenuta li tikkonferma l-ordni u allura, meta ghamlet dak ir-reklam fil-gurnal (fol. 20) bin-numru telefoniku tad-ditta gestita minnha, kif minnha stess ammess in kontro-ezami (fol. 39), dan ghamlitu verosimilment in vista ta' dik l-intenzjoni;

Jinzel b'konsegwenza ta' dawn il-konsiderazzjonijiet illi r-ragonament ta' l-ewwel Qorti jippekka fil-fatt u fid-dritt u ma jistax ikollu l-adezjoni ta' din il-Qorti, li jkollha tiddissenti kompletament minnu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement, tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' elfejn seba' mija tmienja u hamsin lira, tlieta u sittin centezmu (Lm2758.63) ossija sitt elef erba' mija hamsa u ghoxrin euro, tmienja u tmenin centezmu (€6425.88) prezz ta' merce minnha ordnat, u dan flimkien ma' l-interessi legali kif miltub fl-Avviz promotur. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------